MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 448/2010

**Michael Camilleri**
**vs**
**l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Tansport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Michael Camilleri nhar is-27 t'Ottubru 2010 fejn ippremetta s-segwenti:-

"*Illi huwa jinsab notifikat bl-ittra ufficcjali numru 3937/10 ipprezentata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2010 mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta) fejn l-intimata ressqet pretensjonijiet diversi fil-konfront tieghu, senjatament:*

*Fl-ewwel lok, pretensjoni u talba ta' hlas fis-somma ta' tmien mija u sebgha u tletin Ewro u hmistax-il centezmu (€837.15) ghall-perijodu mill-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u tlieta (2003) sat-tnejn u ghoxrin ta' Settembru 2010 allegatament rapprezentanti drittijiet ta' licenjza fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAC 756.*

*Fit-tieni lok, pretensjoni ulterjuri fin-natura ta' multa amministrattiva fl-ammont ta' zewg Ewro (€2) ghal kull*

*gurnata mill-ewwel (1) t'Ottubru 2009 sal-wiehed u tletin (31) t'Awissu 2010 lahqet l-ammont komplessiv ta' sitt mija u tmienja u sittin Ewro (€668);" u*
*Fit-tielet lok, pretensjoni ta' kreditu iehor fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont ta' tlett mija u tnejn u sebghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€372.68) rapprezentanti allegati kontravenzjonijiet mhux imhallsa min-naha tar-rikorrenti;*
*Illi bil-prezenti u fi zmien utli ta' tletin (30) gurnata mid-data tan-notifika lir-rikorrent tal-att gudizzju mressaq mill-Awtorita' ntimata, r-rikorrent qed jopponi ghall-pretensjonijiet tal-istess Awtorita intimata, ir-rikorrent qed jopponi ghall-pretensjonijiet tal-istess Awtorita' ntimata li sarulu kif hawn qabel indikat, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*
*a. Kwantu ghall-pretensjoni u talba ta' hlas fis-somma ta' tmien mija u sebgha u tletin Ewro u hmistax-il centesmu (€837.15) ghall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2003 sat-22 ta' Settembru 2010 allegatement rapprezentanti drittijiet ta' licenzja fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAC 756, din hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li tali vettura ilha inezistenti sa minn qabel l-1 ta Jannar 2003 biex b'hekk ir-rikorrent ma jistax jitqies 'sid ta' vettura bil-mutur' ghall-iskopijiet tal-ligi rilevanti in materja inkluz l-artikolu 57 (1) tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*b. Kwantu ghall-pretensjoni ulterjuri ta' multa amminsitrattiva fl-ammont ta' zewg Ewro (€2.00) ghal kull gurnata mill-1 t'Ottubru 2009 sal-31 t'Awissu 2010, din hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante, fl-ewwwl lok il-fatt li tali pretensjoni ma setghetx tigi vantata fl-ittra ufficcjali li tat lok ghal din il-procedura u li hija limitata biss dwar dejn civili ndikat fis-sub artikolu (1) tal-artikolu 57 tal-imsemmi kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u fit-tieni lok, inoltre minghajr pregudizzju, l-inezistenza tal-jeddijiet vantati u pretizi mill-intimata skond kif indikat a paragrafu 'a' hawn qabel; u*
c. *Kwantu ghall-pretensjoni ta' kreditu iehor fil-konfront tar-rikorrent u senjatament dak ta' €372.68 rapprezentanti allegati kontravenzjonijiet mhux imhallsa min-naha tar-rikorrent , din hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante, fl-ewwel lok il-fatt li tali pretensjoni ma setghetx tigi vantata fl-ittra ufficcjali li tat lok ghal din il-procedura u li hija limitata biss dwar dejn civili indikat fis-*

*sub artikolu (1) tal-artikolu 57 ta' l-imsemmi kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u fit-tieni lok, inoltre u minghajr pregudizzju, li kwistjoni ta' allegata kontravenzjoni tan-natura vantata tezorbita minn dina l-kompetenza civili ghar-raguni li hemm foro kompetenti differenti fir-rigward ta' l-istess ."*

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li irregistra 'oggezzjoni' bil-prezenti att ghall-iskopijiet tal-artikolu 57 (3) tal-Kaptiolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, talab lil din l-Onorabbli Qorti "*joghgobha tiddikjara li l-allegazzjonijiet ta' krediti li saru fil-kofnront tieghu min-naha tal-Awtorita' intimta permezz ta' ittra ufficcjali numru 3937/10 ipprezentata fit-22 ta' Settembru 2010 skond l-atikolu 57 subartikolu 3 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u debitament innotifikat lir-rikorrent fit-28 ta' Settembru 2010, huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*"

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru, 2010 fejn kienet ordnat in-notifika tar-rikors tar-rikorrenti lill-kontro-parti w appuntat dan l-istess rikors ghas-smiegh ghal nhar is-7 ta' Dicembru 2010.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ntimata kif prezentata fl-atti nhar it-12 ta' Novembru 2010 fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. "*Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*
2. *Fit-tieni lok, jinghad li l-Awtorita' ntimata indikat l-ammont dovut bhala multi amministrattivi u kontravenzjonijiet sabiex ir-rikorrent jigi mwissi li hemm dawn l-ammonti dovuti. Dawn iz-zewg ammonti, minn qari akkurat ta' l-ittra ufficcjali kontestata bir-rikors odjern, ghandu jirrizulta li ma humiex jigu mitluba mill-Awtorita' intimata taht id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 57 tal-kapitolu 65. L-unika haga li qieghda tintalab mill-Awtorita' intimata bil-procedura adoperata minnha huwa dak li taghtiha dritt il-ligi ghaliha u cioe' d-dritt tal-licenzja u dan a tenur ta' l-artikolu 57 tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk dak li jallega r-rikorrenti fuq dan il-punt ma huwiex minnu, la fattwalment u lanqas legalment.*

*3. Fit-tielet lok, u fil-mertu, r-rikorrenti jammetti li 'tali vettura ilha inezistenti sa minn qabel l-1 ta' Jannar 2003, biex b'hekk ir-rikorrent ma jistax jitqies 'sid ta' vettura bil-mutur' ghall-iskopijiet tal-ligi rilevanti in materja inkluz l-artikolu 57 (1) tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Aktar minn hekk ir-rikorrenti ma jghidx. Ma jsemmix x'gara minnha l-vettura u kif din m'ghadhiex tezisti. F'kull kaz, anke jekk dan kien il-kaz, xorta wahda ir-rikorrenti kellu l-obbligu li jinforma lill-Awtorita' ntimata b'dan il-fatt. Kellu l-obbligu li jiffirma d-dokumentazzjoni relattiva ghal dan il-fatt. Kellu l-obbligu li jaghti l-avviz relattiv. Kellu l-obbligu li jissottometti l-licenzja relattiva halli jkunu jistghu jitnizzlu l-partikolaritajiet sostanzjali ta' dan il-fatt. Jekk giet skrappjata kellu jaghti avviz. Minn dan kollu r-rikorrenti ma ghamel xejn. Issa ma jistax jippretendi li huwa m'ghandux iwiegeb ghal din it-talba gustifikata tal-Awtorita' ntimata. (Ara ad exemplum artikolu 26 tal-Kap 65). Kwindi r-rikorrenti ghadu responsabbli legalment ghall-licenzji dovuti."*

Ghaldaqstant l-awtorita' ntimata talbet lil din l-Onorabbli Qorti *"sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet rikorrenti kontenuti fir-rikors. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011 ir-rikorrent talab kjarifika fis-sens li jekk ir-rikors odjern hux limitat biss ghal hlasijiet ta' transfers li ma sarux. Dakinhar seduta stante Dottor Kevin Camilleri Xuereb ghall-Awtorita' intimata ghamel referenza ghall-ittra ufficcjali minnu pprezentata fejn irrileva li t-talba in kwistjoni hija limitata f'dan ir-rigward.

Rat in-nota tar-rikorrenti pprezentata nhar id-9 ta' Marzu 2011 li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu liema affidavit gie markat bhala Dok MC1.

Michael Camilleri spjega li ghall-habta tal-ahhar tas-sena 2001 u l-bidu tas-sena 2002 huwa kien xtara vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAC 756. Jghid li ftit wara din il-vettura ma baqgehtx f'kundizzjoni tajba li setghet tintuza bhala mezz ta' transport, u dan ghaliex il-magna zviluppat

hafna problemi. Huwa ma ghamel l-ebda tiswija fuq din il-vettura minhabba li ma kellux intenzjoni li juzaha ghat-trasport.

Jghid ulterjorment li ghall-habta ta' nofs is-sena 2002 huwa flimkien m'ibnu Mark kienu irmonkaw din il-vettura minn Bahar ic-Caghaq fejn joqghod sa Ta' Qali, quddiem il-bieb tal-istabiliment tieghu li jgib l-isem Artistika Enterprises biex min hemm tigi mehuda ghall-iskart mill-haddiema tar-Refuse Disposal Centre (RDC) u dan wara li kien ghaamel xi arrangamenti maghhom f'dan ir-rigward. L-ghada huwa flimkien m'ibnu Mark marru fil-post fejn hallew il-vettura izda ma sabuhiex, sabu biss fdalijiet mahruqin ta' 'bumper' u ta' bieba mill-istess vettura, kif ukoll sinjali ta' hruq ma l-art. Meta ra hekk huwa kellu kull ragun jahseb li kienu marru xi nies tal-RDC kif kien miftiehem u li din il-vettura giet distrutta u mehuda minnhom. Fi kwalunkwe kaz ighid li l-vettura ntilfet u ma jaf xejn aktar dwarha. Jikkonferma li sa dakinhar il-licenzji tal-vettura kienu kollha mhallsa regolarment.

Nhar il-5 ta' Ottubru 2011 ir-rikorrenti xehed in kontro-ezami w jghid li l-vettura ma kinitx tintuza fit-triq u li hu qatt ma saqha w sa fejn jaf hu lanqas ibnu. Jghid li kienu jirmonkawha w juzawha bhala *bill board*. Jikkonferma li meta l-awtoritajiet qalulu li ma setax jaghmel dan it-tip t'uzu minnha huwa ddecieda li jarmiha ghaliex ma kellhiex aktar valur ghalih stante li ma kinitx tahdem u kienet tiswa wisq biex tissewwa, w kien ghalhekk li cempel lil RDC. Jghid pero' kif spiccat din il-vettura ma jafx. Jikkonferma biss li m'ghandu l-ebda tgharif dwarha. Jghid li huwa hallas il-licenzji sakemm damet ghandu.
Rat illi nhar it-12 ta' April 2011 r-rikorrenti pprezenta affidavit iehor t'ibnu Mark Camilleri, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok MC2. **Mark Camilleri** bejn wiehed u iehor jikkonferma dak li qal missieru Michael Camilleri, salv li jghid li kien biss wara certu zmien li l-vettura zviluppat xi hsarat fil-magna.

In kontro-ezami nhar is-16 ta' Gunju 2011 jghid li missieru uza din il-vettura fit-triq ghall-perijodu zghir. Mistoqsi jekk hadux hsieb li jaqilghu l-pjanci meta tefghu il-vettura ghall-

iskip ighid li ma ghamlu xejn minn dan. Jghid li sa fejn jaf hu l-vettura kellha tingabar mid-Disposal Centre bil-pjanci b'kollox. Mistoqsi jekk il-vettura kinitx tintuza ghal xi skop partikolari jwiegeb fin-negattiv u jghid li l-vettura minn dejjem kellha problemi fil-magna. Jghid li pero' huwa minnu li kienu jaghmlu xoghol ta' reklamar fuqha, ghax fil-fatt jghid li l-vettura hija *panel van* u mhux karozza. Qal li l-vettura kienet tkun ipparkjata.

Semghet lil **Brian Farrugia** jixhed ghan-nom u fl-interess tal-Awtorita' ntimata w dan fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2011 w jikkonferma li l-vettura LAC 759 tal-ghamla Fiat Ducato Van tghajjat lir-rikorrenti Michael Camilleri w ilha hekk registrata f'ismu sa mill-21 ta' Frar 2002. Jikkonferma li l-Awtorita' ntimata ma rceviet l-ebda korrispondenza dwarha. Jghid li kieku din il-vettura geit skrappjata l-pjanci kienu jkunu ghandhom, li minn ezami tas-sistema kompjuterizzata kif ukoll mill-files relattivi, ma jirrizultax li huwa l-kaz.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi kontravenzjonijiet fuqha, jghid li kien hemm u dan fl-ammont ta' €372.68. Fil-5 t'Ottubru 2011 rega' xehed u spjega li l-obbligu li l-Awtorita' tigi mgharrfa fuq xi moviment tal-verttura, jaqa' fuq sidha registrat, ghalkemm kien hemm zmien qabel is-sena 2004 fejn dan l-obbligu kien kemm fuq ix-xerrej kif ukoll fuq il-bejjiegh.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2011.

Ikkunsidrat:

Illi bhala fatt jirrizulta, anke fuq ammissjoni indiretta tar-rikorrent stess fir-rikors promotur, li ilu ma jhallas il-licenzja tal-vettura targata LAC 756 sa minn meta allegatament inharqitlu jew sparixxiet, u cioe' mis-sena 2002, waqt li l-vettura kienet ghadha kemm giet registrata f'ismu. Ma jirrizultax jekk effettivament ir-rikorrenti kienx irraporta dan l-incident sfortuat lill-pulziija esekuttiva, ghaliex prova dwar dan m'hemmx fil-process. Lanqas ma gab xi xhud sabiex jikkonferma dak li huwa qal fil-konfront

tal-RDC. Strah biss fuq ix-xhieda tieghu u t'ibnu Mark, li jikkonferma li huma kienu hallew il-vettura pparkjata Ta' Qali w l-ghada meta marru ma sabuhiex hemm, izda sabu biss xi fdalijiet taghha.

Ir-rikorrent fir-rikors tieghu donnu ma fehemx dak li kienet qed titlob l-Awtorita' rikorrenti, ghaliex fil-fatt hija mhix qed titlob li r-rikorrenti jigi kkundannat ihallas il-kontravenzjonijiet li gie kkundannat ihallas, u lanqas ma gie mistoqsi sabiex ihallas il-penali ta' zewg Ewro (€2) kuljum talli ma hallasx l-iskadenzi tal-licenzji, izda gie mitlub sabiex ihallas l-iskadenzi tal-licenjza biss *sic et simplicite,* kif del resto iccara fil-verbal tieghu fuq imsemmi.

Sabiex issahhah it-talba taghha kif kontenuta fl-ittra ufficcjali prezentata minnha kontra r-rikorrent, liema ittra ufficcjali qed tigi kontestata, l-Awtorita' ntimata ressqet bhala xhud lil Brian Farrugia in rappresentanza tat-Transport Malta, w dan ikkonferma li fis-sena 2002 il-vettura numru ta' registrazzjoni LAC 756 kienet registrata f'isem ir-rikorrent, kif del resto ghada sa llum, u minn dik is-sena 'l quddiem huwa ma hallas l-ebda licenzja fuq din l-istess vettura.

Mistoqsi jekk kienx gie mgharraf b'dan l-allegat incident misterjuz imsemmi mir-rikorrent fix-xhieda tieghu, ix-xhud iwiegeb fin-negattiv.

L-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu ghamel referenza ghall-**artikolu 1207 (1) tal-Kodici Civili** u qal li una volta l-vettura m'ghadhiex tezisti, ghaliex il-vettura allegatament inharqet, allura l-obbligazzjonijiet tieghu sabiex ihallas il-licenzji spiccat.

**L-artikolu 1207 (1) tal-Kap 16** jiddisponi s-segwenti:-

**1207.** (1) "*Meta ħaġa ċerta u determinata, illi kienet l-oġġett tal-obbligazzioni, tispiċċa, jew tiġi mqiegħda extra commercium, jew tintilef b'mod li tkun għal kollox mhix magħrufa l-eżistenza tagħha, l-obbligazzjoni tispiċċa, kemm-il darba l-ħaġa tkun spiċċat jew ġiet maħruġa mill-*

*kummerċ jew intilfet mingħajr ħtija tad-debitur, u qabel ma dan kien in mora*."

Illi bir-rispett kollu dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in desamina w dan ghaliex il-legislatur qieghed f'dan l-artikolu jipotetizza sitwazzjoni fejn hemm kreditur u debitur, u dan wara li huma kienu dahlu f'xi obligazzjoni bejniethom dwar oggett partikolari. F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-kontendenti, anzi pjuttost l-oppost. Hija l-ligi li tesigi li r-rikorrenti ghandu jaghamel il-pagament mitlub mir-rikorrenti fil-vesti tieghu ta' sid il-vettura LAC 756.

Il-ligi specjali w cioe' l-**Kapitolu 65 fl-artikolu 57** jimponi penali fuq id-debitur minhabba li huwa ma aderiex ruhu mad-disposizzjonijiet tal-ligi u mhux a bazi ta' xi debitu naxxenti minn xi oggett. Ghalhekk din id-difiza qieghda tigi michuda.

Jinghad li r-rikorrenti kellu l-obbligu jgharraf lill-Awtorita' ntimata dwar l-allegat ghajbien tal-vettura minnufih sabiex jigi ezonerat mill-obbligu tal-ligi li jaghmel il-hlas mitlub. Haga li m'ghamilx. Kien biss meta xehed ir-rikorrenti li l-Awtorita' ntimata saret taf bir-raguni l-ghaliex huwa ma riedx ihallas il-pagamenti b'lura dwar il-hlas tal-licenzja tal-vettura, ghaliex lanqas fir-risposta tieghu ma r-rikorrenti indika x'kienet ir-raguni ghal tali inadempjenza.

Skond l-**Artikolu 26 tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta:
*"Kull persuna imsemmija fuq il-licenzja bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenzja, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenzja ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, <u>tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura</u>."(sottolinear ta' din il-Qorti)*

Illi ghalhekk stante li r-rikorrent ghandu f'ismu l-licenzja tal-vettura, dan ifisser li huwa r-*registered owner* taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk jibqa' responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita' ma jkun ittrasferixxa l-ebda jedd tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**Artikolu 57 (1) tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-
*"Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien (sottolinear ta' din il-Qorti), responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti."*

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f'dan il-kaz huwa ir-rikorrent Michael Camilleri stante li huwa r-*registered owner*, huwa responsabbli civilment ghall-hlas ta' licenzji w ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu.

Il-Qorti tirrileva li dan ir-rikors sar mir-rikorrenti w ghalhekk kien jispetta lill-istess rikorrenti jipprova li huwa ghamel dak kollu mistenni minnu sabiex jezimi ruhu minn kull responsabilita' – haga li fil-fehma tal-Qorti m'ghamilx. Ghalhiex ghalkemm il-vettura setghet inharqet, xorta kellu l-obbligu li jinforma lill-Awtorita' dwar dan l-allegat hruq sabiex jirregola ruhu maghha w b'hekk il-licenzji b'lura ma kienux ikunu dovuti.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 3937/10 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrent. L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 3937/10 giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------